



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0135/2014

20.2.2014

RAPPORT

dwar aspetti soċjali u tal-impjieg tar-rwol u l-attivitajiet tat-Trojka (BĊE, Kummissjoni u FMI) fir-rigward tal-pajjiżi tal-programm taż-żona tal-euro (2014/2007(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Alejandro Cercas

PR_INI

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	17
ANNEX 1	24
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	27

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar aspetti soċjali u tal-impjieg tar-rwol u l-attivitajiet tat-Trojka (BĊE, Kummissjoni u FMI) fir-rigward tal-pajjiżi tal-programm taż-żona tal-euro (2014/2007(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b’mod partikolari l-Artikoli 9, 151, 152 u 153 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, b’mod partikolari t-Titolu IV (Solidarjetà) tagħha,
- wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea riveduta, b’mod partikolari l-Artikolu 30 tagħha dwar id-dritt għal protezzjoni kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali,
- wara li kkunsidra s-seduta pubblika li saret mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali fid-9 ta’ Jannar 2014, dwar “l-aspetti soċjali u tal-impjieg tar-rwol u l-attivitajiet tat-Trojka fir-rigward tal-pajjiżi tal-programm taż-żona tal-euro”,
- wara li kkunsidra l-erba’ abbozzi ta’ noti ta’ politika b’evalwazzjonijiet tal-aspetti u l-isfidi soċjali u tal-impjieg fil-Greċja, il-Portugall, l-Irlanda u Ċipru, rispettivament, imħejjija f’Jannar 2014 mill-Unità tas-Sostenn għall-Governanza Ekonomika tad-Direttorat għall-Politiki Ekonomiċi u Xjentifiċi tad-DĠ IPOL;
- wara li kkunsidra d-djalogu ekonomiku u skambju ta’ fehmiet mal-Ministru tal-Finanzi Grieg u l-Ministru tax-Xogħol u s-Sigurtà Soċjali Grieg organizzat b’mod konġunt mill-Kumitati EMPL u ECON fit-13 ta’ Novembru 2012,
- wara li kkunsidra l-ħames deċiżjonijiet tal-Kumitat Ewropew għad-Drittijiet Soċjali tal-Kunsill tal-Ewropa tat-22 ta’ April 2013 dwar l-iskemi tal-pensjonijiet fil-Greċja¹,
- wara li kkunsidra t-365 Rapport tal-Kumitat għal-Libertà ta’ Assoċjazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta’ Ottubru 2013 dwar l-effetti tar-restrizzjonijiet baġitarji għall-awtoritajiet reġjonali u lokali rigward in-nefqa tal-Fondi Strutturali tal-UE fl-Istati Membri²,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta’ Lulju 2013 dwar l-impatt tal-kriżi fuq l-aċċess għall-kura tal-gruppi vulnerabbli³,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta’ Ġunju 2013 dwar l-akkomodazzjoni

¹ http://www.coe.int/T/DGHL/Monitoring/SocialCharter/NewsCOEPortal/CC76-80Merits_en.asp

² Testi adottati, P7_TA(2013)0401.

³ Testi adottati, P7_TA(2013)0328.

soċjali fl-Unjoni Ewropea¹,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-31 ta' Jannar 2012 dwar aspetti soċjali u tal-impjiegi fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012²,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2013 bit-titolu “Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2014” (COM(2013)0800) u l-Abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi anness miegħu,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2013 dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-2013³,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ottubru 2013 bit-titolu ‘It-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja’ (COM(2013)0690),
- wara li kkunsidra l-Mistoqsija Orali O-000120/2013 lill-Kummissjoni, u r-risoluzzjoni relatata tal-Parlament tal-21 ta' Novembru 2013 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu ‘It-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM)’⁴,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat EMPL dwar ir-risoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2012 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar ir-rapport tal-Presidenti tal-Kunsill Ewropew, tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-Grupp tal-euro bit-titolu “Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Ġenwina”⁵,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2010 bit-titolu ‘Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: Qafas Ewropew għall-koeżjoni soċjali u territorjali’ (COM(2010)0758), u r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2011 dwarha⁶,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2012 rigward il-Patt dwar l-Investment Soċjali – bħala reazzjoni għall-kriżi⁷,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Eurofound tat-12 ta' Diċembru 2013 bit-titolu “Industrial relations and working conditions in Europe 2012” (Ir-relazzjonijiet industrijali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Ewropa 2012),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Frar 2013 bit-titolu ‘Lejn Investment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni – inkluża l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew 2014-2020’ (COM(2013)0083),
- wara li kkunsidra l-Mistoqsija Orali O-000057/2013 lill-Kummissjoni, u r-risoluzzjoni relatata tal-Parlament tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni

¹ Testi adottati, P7_TA(2013)0246.

² Testi adottati, P7_TA(2012)0047.

³ Testi adottati, P7_TA(2013)0447.

⁴ Testi adottati, P7_TA(2013)0515.

⁵ Testi adottati, P7_TA(2012)0430.

⁶ ĠU C 153 E, 31.5.2013, p. 57.

⁷ Testi adottati, P7_TA(2012)0419.

dwar “Lejn Investiment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni - inkluża l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew 2014-2020”¹,

- wara li kkunsidra r-raba’ Rapport tal-Kumitat tar-Regġuni dwar il-Monitoraġġ tal-Ewropa 2020 ta’ Ottubru 2013,
- wara li kkunsidra d-Dokument ta’ Ħidma Nru 49 tal-ILO tat-30 ta’ April 2013 bit-titolu “The impact of the eurozone crisis on Irish social partnership: A political economy analysis” (L-impatt tal-kriżi fiż-żona tal-euro fuq is-sħubija soċjali Irlandiża: analiżi politika u ekonomika),
- wara li kkunsidra d-Dokument ta’ Ħidma Nru 38 tal-ILO tat-8 ta’ Marzu 2012 bit-titolu “Social dialogue and collective bargaining in times of crisis: The case of Greece” (Id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv fi żminijiet ta’ kriżi: Il-każ tal-Greċja),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-ILO tat-30 ta’ Ottubru 2013 bit-titolu “Tackling the job crisis in Portugal” (L-indirizzar tal-kriżi fl-impjiegi fil-Portugall);
- wara li kkunsidra r-rapport ta’ Bruegel tas-17 ta’ Ġunju 2013 bit-titolu “EU-IMF assistance to euro-area countries: an early assessment” (L-assistenza mill-UE u l-FMI lill-pajjiżi taż-żona tal-euro: valutazzjoni bikrija) (Bruegel Blueprint 19),
- wara li kkunsidra l-istqarrijiet għall-istampa tal-Eurostat dwar l-indikaturi tal-euro tat-12 ta’ Frar 2010 (22/2010) u tad-29 ta’ Novembru 2013 (179/2013),
- wara li kkunsidra d-Dokument ta’ Politika Ekonomika Nru 1 tal-OECD tat-12 ta’ April 2012 bit-titolu ‘Fiscal consolidation: How much, how fast and by what means? – An Economic Outlook Report’ (Il-konsolidazzjoni fiskali: Kemm, meta u kif? – Rapport ta’ Prospettiva Ekonomika),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta’ Marzu 2010 bit-titolu “Ewropa 2020 Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv” (COM(2010)2020),
- wara li kkunsidra d-Dokument ta’ Ħidma tal-Istitut Ewropew tat-Trade Unions (ETUI) ta’ Mejju 2013 bit-titolu “The Euro crisis and its impact on national and European social policies” (Il-kriżi tal-euro u l-impatt tagħha fuq il-politiki soċjali nazzjonali u Ewropej),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni ta’ Ġunju 2013 bit-titolu “Labour Market Developments in Europe 2013” (Żviluppi fis-Suq tax-Xogħol fl-Ewropa 2013) (Nru 6/2013 fis-serje European Economy),
- wara li kkunsidra d-dokument ta’ Caritas Europa ta’ Frar 2013 bit-titolu “The impact of the European Crisis: a study of the impact of the crisis and austerity on people, with a special focus on Greece, Ireland, Italy, Portugal and Spain” (L-impatt tal-Kriżi Ewropea: studju tal-impatt tal-kriżi u l-awsterità fuq il-persuni, b’attenzjoni speċjali għall-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Portugall u Spanja”),

¹ Testi adottati, P7_TA(2013)0266.

- wara li kkunsidra n-Nota ta' Politika tal-Oxfam ta' Settembru 2013 bit-titolu “A cautionary tale: the true cost of austerity and inequality in Europe” (Storja li għandha sservi ta' twissija: l-ispiża reali tal-awsterità u l-inugwaljanza fl-Ewropa),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0135/2014),
- A. billi l-kriżi ekonomika u finanzjarja bla preċedent li ħarġet fil-beraħ il-fraġilità tal-finanzi pubbliċi f'xi Stati Membri, u l-miżuri tal-programm ta' aġġustament ekonomiku adottati b'reazzjoni għas-sitwazzjoni mġarrba mill-Greċja (Mejju 2010 u Marzu 2012), l-Irlanda (Diċembru 2010), il-Portugall (Mejju 2011) u Ċipru (Ġunju 2013), kellhom impatt dirett u indirett fuq il-livelli tal-impjeg u fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien ta' ħafna persuni; billi l-programmi kollha, għalkemm ġew iffirmati formalment mill-Kummissjoni, tfaßlu b'mod konġunt mill-FMI, il-Grupp tal-euro, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), il-Kummissjoni, u l-Istati Membri li qed jiġu salvati li lkoll flimkien iddeterminaw ukoll il-kondizzjonalità tagħhom;
 - B. billi ladarba s-sostenibbiltà ekonomika u baġitarja tal-erba' pajjiżi tkun tista' tiġi ggarantita, l-isforzi għandhom ikunu ffukati fuq l-aspetti soċjali, b'attenzjoni speċjali għall-ħolqien tal-impjiegi;
 - C. billi l-Artikolu 9 TFUE jstabbilixxi li: ‘Fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tieħu kont tal-ħtiġijiet marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjeg, mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, mal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali kif ukoll ma' livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem’;
 - D. billi l-Artikolu 151 TFUE jipprevedi li l-azzjoni meħuda mill-UE u mill-Istati Membri tagħha trid tkun konsistenti mad-drittijiet soċjali fundamentali stabbiliti fil-Karta Soċjali Ewropea tal-1961 u fil-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema tal-1989 sabiex jitjeb, fost l-oħrajn, id-djalogu soċjali; billi l-Artikolu 152 TFUE jafferma li: ‘L-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi u tippromwovi r-rwol tal-imsieħba soċjali fil-livell tagħha, filwaqt li tqis id-diversità tas-sistemi nazzjonali. Għandha tiffaċilita d-djalogu bejn is-sħab soċjali, waqt li tirrispetta l-awtonomija tagħhom’;
 - E. billi l-Artikolu 36 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jimpenja lill-Unjoni biex tirrikonoxxi u tirrispetta “l-aċċess għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali kif previst fil-liġijiet u l-prattiki nazzjonali, skont it-Trattati, sabiex tippromwovi l-koeżjoni soċjali u territorjali tal-Unjoni”; billi l-Artikolu 14 TFUE jstabbilixxi li “meta tikkunsidra l-post okkupat mis-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali fil-valuri komuni tal-Unjoni kif ukoll tar-rwol tagħhom li jippromwovu l-koeżjoni soċjali u territorjali, l-Unjoni u l-Istati Membri, skont il-poteri rispettivi tagħhom u fl-ambitu tal-applikazzjoni tat-Trattati, għandhom jieħdu ħsieb li daww is-servizzi joperaw fuq il-bażi ta' prinċipji u kondizzjonijiet, b'mod partikolari ekonomiċi u finanzjarji, li jippermettulhom iwettqu l-missjonijiet tagħhom”; billi l-Artikolu 345 tat-TFUE jipprevedi li t-Trattati “għandhom ikunu bla ebda preġudizzju għas-sistema ta' proprjetà fl-Istati Membri”; u billi l-Protokoll Nru 26 dwar is-servizzi ta' interess ġenerali jelabora fuq il-valuri komuni tal-Unjoni fir-

rigward tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali;

- F. billi l-Artikolu 6(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jafferma li: 'L-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Diċembru 2000 (...), li għandu jkollha l-istess valur legali bħat-Trattati', u billi l-paragrafi 2 u 3 ta' dak l-Artikolu jipprevedu l-adeżjoni mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, u jistipulaw li dawn id-drittijiet għandhom jagħmlu parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni;
- G. billi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tipprevedi, fost l-oħrajn, id-dritt ta' negozjar u ta' azzjoni kollettiva (l-Artikolu 28), il-protezzjoni fil-każ ta' tkeċċija inġusta (l-Artikolu 30), kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa (l-Artikolu 31), ir-rikonoxximent u r-rispett tad-dritt għal benefiċċji ta' sigurtà soċjali u servizzi soċjali u, sabiex 'jiġu miġġielda l-esklużjoni soċjali u l-faqar', id-dritt għal 'eżistenza dinjituża għal dawk kollha li huma neqsin minn riżorsi suffiċjenti' (l-Artikolu 34), id-dritt ta' aċċess għal kura preventiva tas-saħħa u d-dritt li tgawdi minn kura medika (l-Artikolu 35), u r-rikonoxximent u r-rispett għad-dritt tal-aċċess għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (l-Artikolu 36);
- H. billi l-istrateġija Ewropa 2020 proposta mill-Kummissjoni fit-3 ta' Marzu 2010 u approvata mill-Kunsill Ewropew fis-17 ta' Ġunju 2010 tinkludi, fost il-ħames miri ewlenin li jridu jintlaħqu sal-2020: li 75 % tal-irġiel u n-nisa fl-età ta' bejn 20 u 64 sena jkunu fl-impjieg; li jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola għal taħt l-10 % u li tal-inqas 40 % ta' dawk bejn 30 u 34 sena jkunu lestew edukazzjoni terzjarja jew ekwivalenti; u li jitnaqqas il-faqar billi tal-inqas 20 miljun persuna jinħarġu mir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali;
- I. billi, skont ir-Reviżjoni Trimestrali tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2013 bit-titolu "EU Employment and Social Situation" (Il-Qaġħda Soċjali u tal-Impjieg fl-UE), it-tnaqqis qawwi fil-PDG tal-Greċja, il-Portugall u l-Irlanda ġie tradott l-aktar fi tnaqqis fl-impjieg;
- J. billi fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Novembru 2013, il-Parlament laqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ottubru 2013 bit-titolu 'It-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja' u l-proposta tagħha li tistabilixxi tabella ta' valutazzjoni ta' indikaturi ewlenin soċjali u dwar l-impjieg, li tkun komplementari għall-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP) u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjieg (JER), bħala pass lejn id-dimensjoni soċjali tal-UEM; jenfasizza li dawk l-indikaturi għandhom ikunu biżżejjed biex jiżguraw il-kopertura komprensiva u trasparenti tal-qagħda soċjali u tal-impjieg fl-Istati Membri; billi r-riżoluzzjoni enfasizza il-ħtieġa li jiġi żgurat li dan il-monitoraġġ ikun immirat biex inaqqas id-diverġenzi soċjali bejn l-Istati Membri u tiġi promossa l-konverġenza soċjali progressiva u l-progress soċjali;
- K. billi d-data disponibbli turi li l-erba' pajjiżi waqgħu lura fil-kisba tal-miri soċjali ta' Ewropa 2020 (ara l-Anness 1), bl-eċċezzjoni tal-miri relatati mat-tluq mill-iskola qabel iż-żmien, it-taħriġ u l-għadd ta' persuni b'edukazzjoni terzjarja;
- L. billi l-prospetti ekonomiċi fit-tul f'dawn il-pajjiżi qed jitjiebu; billi dan it-titjib għandu jibda jgħin il-ħolqien ta' impjieg ġodda f'dawn l-ekonomiji u jbidel ix-xejra ta' tnaqqis

fl-impjiegi;

1. Jinnota li l-istituzzjonijiet tal-UE (il-BĊE, il-Kummissjoni u l-Grupp tal-euro) huma responsabbli wkoll għall-kundizzjonijiet tal-programmi ta' aġġustament ekonomiku; jinnota wkoll li hemm il-ħtieġa li tiġi ggarantita s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkollhom protezzjoni soċjali xierqa;
2. Jiddeplora l-fatt li l-Parlament tħalla barra għalkollox fil-fażijiet kollha tal-programmi: il-fażi tat-tħejjija, l-iżvilupp tal-mandati u l-monitoraġġ tal-impatt tar-riżultati miksuba mill-programmi u minn miżuri relatati; jinnota li, għalkemm din l-assoċjazzjoni mal-Parlament Ewropew ma kinitx obligatorja minħabba nuqqas ta' bażi ġuridika, l-assenza tal-istituzzjonijiet Ewropej kif ukoll dak tal-mekkaniżmi finanzjarji Ewropej kien ifisser li l-programmi kellhom jiġu improvizzati, u dan wassal għal ftehimiet finanzjarji u istituzzjonali lil hinn mill-metodu Komunitarju; jinnota, fl-istess linja, li l-BĊE ħa deċizzjonijiet li ma jaqgħux fil-mandat tiegħu; ifakkar fir-rwol tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati u li dan ir-rwol kellu jiġi rispettat dejjem; iqis li istituzzjonijiet ġenwinament demokratiċi biss għandhom jidderieġu l-proċess politiku tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi ta' aġġustament għall-pajjiżi f' diffikultajiet finanzjarji serji;
3. Jiddeplora l-fatt li dawn il-programmi tfasslu mingħajr mezzi suffiċjenti biex issir valutazzjoni tal-konsegwenzi permezz ta' studji dwar l-impatt jew koordinazzjoni mal-Kumitat għall-Impjiegi, il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, il-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarjiet tal-Konsumatur (EPSCO) jew il-Kummissarju għall-Impjiegi u l-Affarjiet Soċjali; jiddeplora, ukoll, il-fatt li l-ILO ma ġietx ikkonsultata u li, minkejja l-implikazzjonijiet soċjali importanti, il-korpi konsultattivi stabbiliti mit-Trattat, b'mod partikolari l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) u l-Kumitat tar-Reġjuni (KtR), ma ġewx ikkonsultati;
4. Jiddeplora l-fatt li l-kondizzjonalità imposta bi tpattija għall-assistenza finanzjarja kienet ta' theddida għall-għanijiet soċjali tal-UE għal diversi raġunijiet:
 - l-UE ma kinitx ippreparata u attrezzata sew biex tiffaċċja l-problemi li rriżultaw, b'mod partikolari l-kriżi enormi tad-dejn sovrani, sitwazzjoni li kienet teħtieġ reazzjoni immedjata sabiex jiġi evitat il-falliment;
 - filwaqt li l-programmi għandhom terminu speċifiku, għadd ta' miżuri stipulati taħt dawn il-programmi ma kellhomx ikunu ta' natura fit-tul;
 - il-miżuri huma partikolarment ibsin, l-aktar għaliex id-deterjorament tal-qagħda ekonomika u soċjali ma ġiex innutat fil-ħin, ftit ingħata żmien biex jiġu implimentati dawn il-miżuri, u ma sarux valutazzjonijiet tal-impatt xierqa tal-impatt distributtiv fuq gruppi differenti tas-soċjetà;
 - minkejja l-appelli tal-Kummissjoni, il-fondi tal-UE li kien fadal mill-qafas tal-2007-2013 ma ntużawx fil-pront;
 - il-miżuri setgħu ġew akkumpanjati minn sforzi akbar biex jitħarsu l-gruppi vulnerabbli, bħal miżuri biex jiġu evitati livelli għoljin ta' faqar, privazzjoni u inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa li jirriżultaw mill-fatt li l-gruppi bi dħul baxx jiddependu b'mod speċjali fuq is-sistemi tas-saħħa pubbliċi;

L-impjieg

5. Jinnota li l-kriżi ekonomika u finanzjarja diffiċli ħafna u l-politiki ta' aġġustament fl-erba' pajjiżi wasslu għal żidiet fir-rati tal-qgħad u ta' telf ta' impjieg, u fl-għadd ta' persuni qiegħda fit-tul, u f'xi każijiet wasslu biex il-kundizzjonijiet tax-xogħol marru lura; jirrimarka li r-rati tal-qgħad għandhom rwol fundamentali fis-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u tal-pensjonijiet, kif ukoll fil-kisba tal-miri soċjali u dwar l-impjieg ta' Ewropa 2020;
6. Jinnota li l-aspettattivi ta' ritorn għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjieg permezz tad-devalwazzjoni interna, sabiex tinkiseb lura l-kompetittività, ma ntlaxqux, jenfazizza l-fatt li dawn l-aspettattivi li fallaw jirriflettu tendenza li tkun sottovalutata n-natura strutturali tal-kriżi kif ukoll l-importanza li tinżamm id-domanda domestika, l-investment u l-appoġġ ta' kreditu għall-ekonomija reali; jenfazizza n-natura proċiklika tal-miżuri ta' awsterità u l-fatt li ma kinux akkumpanjati minn bidliet u riformi strutturali fuq bażi ta' każ b'każ, li fihom tingħata attenzjoni speċjali għall-gruppi vulnerabbli tas-soċjetà bil-għan li jinkiseb it-tkabbir, flimkien mal-koeżjoni soċjali u l-impjieg;
7. Jinnota li r-rati għoljin ta' qgħad u sottoimpjieg, flimkien ma' tnaqqis fis-salarji fis-settur pubbliku u f'dak privat u, f'xi każijiet, nuqqas ta' azzjoni effettiva fil-għieda kontra l-evazzjoni tat-taxxa flimkien ma' tnaqqis fir-rati tal-kontribuzzjonijiet, qegħdin ixekklu s-sostenibbiltà u l-adekwatezza tas-sistemi pubbliċi tas-sigurtà soċjali minħabba t-tnaqqis fil-fondi tas-sigurtà soċjali;
8. Jinnota li d-deterjorament tal-kundizzjonijiet u t-telf ta' SMEs hija waħda mill-kawżi ewlenin ta' telf ta' impjieg u l-akbar theddida għall-irkupru fil-futur; jinnota li l-politiki ta' aġġustament ma qisux is-setturi strateġiċi li kellhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġu ppreservati t-tkabbir u l-koeżjoni soċjali għall-futur; jinnota li dan wassal biex intilfu ħafna impjieg f'setturi strateġiċi bħall-industrija u r-RŻI; jirrimarka li l-erba' pajjiżi jeħtieġ jagħmlu sforz biex joħolqu l-kundizzjonijiet favorevoli meħtieġa biex il-kumpaniji, u l-SMEs b'mod partikolari, ikunu jistgħu jiżviluppaw is-sostenibbiltà kummerċjali tagħhom fit-tul; jirrimarka li ntilfu ħafna impjieg fis-settur pubbliku f'oqsma pubbliċi bażiċi bħas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi pubbliċi soċjali;
9. Jiddeplora l-fatt li huma ż-żgħażaġh daww li l-aktar qegħdin ibatu mill-ogħla livelli ta' qgħad, u s-sitwazzjoni f'pajjiżi bħall-Greċja (fejn ir-rata hija ta' 1 fuq minn 50 %), il-Portugall u l-Irlanda (fejn taqbeż it-30 %), u Ċipru (fejn hija madwar 26,4 %) hija partikolarment serja; jinnota li dawn iċ-ċifri, ħames snin minn meta bdiet il-kriżi, għadhom jippersistu; jiddeplora l-fatt li anke meta ż-żgħażaġh jirnexxielhom isibu impjieg, ħafna minnhom – medja ta' 43 %, imqabbel ma' 13 % ta' ħaddiema adulti – bosta drabi jsibu ruħhom jaħdmu f'kundizzjonijiet prekarji jew b'kuntratti part-time, li jagħmilha diffiċli għalihom li jkunu indipendenti mill-familja tagħhom, u dan jirriżulta f'telf ta' innovazzjoni u riżorsi esperti li mbagħad jaffettwa l-produzzjoni u t-tkabbir;
10. Jinnota li l-aktar gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol – il-persuni qiegħda fit-tul, in-nisa, il-ħaddiema migranti u l-persuni b'diżabilità – kienu l-aktar li batew u qegħdin jesperjenzaw rati ta' qgħad ogħla mill-medja nazzjonali; jinnota ż-żieda qawwiya fir-rata tal-qgħad fit-tul tan-nisa u tal-ħaddiema anzjani, u d-diffikultajiet addizzjonali li dawn il-ħaddiema se jiffaċċjaw biex jippruvaw jerġgħu lura għas-suq tax-xogħol meta l-ekonomija

eventwalment tirkupra; jenfasizza li dawn il-ħaddiema jeħtieġu miżuri mmirati;

11. Iwissi li, jekk ma jinstabx rimedju, dawn id-diverġenzi kbar, speċjalment fil-każ tal-ġenerazzjoni aktar żagħżuġha, fuq terminu twil għad jirriżultaw fi ħsara strutturali fis-suq tax-xogħol tal-erba' pajjiżi, jillimitaw il-kapaċità tagħhom li jirkupraw, iwasslu għal migrazzjoni involontarja li tkabbar l-effetti ta' eżodu ta' mħuħ li diġà għaddej, u jżidu d-diverġenzi persistenti bejn l-Istati Membri li jissupplixxu l-impjiegi u dawk li jissupplixxu ħaddiema li jitħallsu ftit; jiddispjaċih li l-iżviluppi soċjali u ekonomiċi negattivi huma fost ir-raġunijiet ewlenin li jimmotivaw liż-żgħażaġh biex jemigraw u jeżerċitaw id-dritt ta' moviment liberu tagħhom;
12. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li, f'xi każijiet u setturi, hemm, flimkien ma' telf ta' impjiegi, tnaqqis fil-kwalità tal-impjiegi, żieda f'forom prekarji ta' impjieg u tnaqqis fl-istandards bażiċi tax-xogħol; jenfasizza li l-Istati Membri jeħtieġ jagħmlu sforzi dedikati biex jindirizzaw iż-żieda fl-impjieg part-time involontarju u fil-kuntratti temporanji, it-taħriġ u l-apprendistat bla ħlas, u l-impjieg indipendenti fittizju, kif ukoll l-attivitàjiet tal-ekonomija moħbija; jinnota, barra minn hekk, li għalkemm l-iffissar tal-pagi ma jaqax fil-kompetenzi tal-UE l-programmi kellhom impatt fuq il-pagi minimi; fl-Irlanda nħasset il-ħtieġa li l-paga minima titnaqqas bi kważi 12 % (deċiżjoni li, madankollu, aktar tard inbidlet), u fil-Greċja ġie deċiż tnaqqis radikali ta' 22 %;
13. Ifakkar li l-istrateġija Ewropa 2020 tgħid ċar u tond li ċ-ċifra l-aktar importanti hija r-rata ta' impjieg, li tindika d-disponibbiltà ta' riżorsi umani u finanzjarji biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-mudell ekonomiku u soċjali tagħna; jitlob li t-tnaqqis fir-rata tal-qgħad ma jiġix konfuż mal-irkupru ta' impjiegi mitlufa peress li dan ma jqisx iż-żieda fl-emigrazzjoni; josserva li t-tnaqqis fl-impjieg industrijali kien diġà problema qabel ma tnedew il-programmi; jenfasizza li hemm il-ħtieġa ta' aktar impjiegi u impjiegi aħjar; ifakkar li fl-aħħar erba' snin l-impjiegi mitlufa laħqu ż-2 miljuni fl-erba' pajjiżi, jew 15 % tal-impjiegi li kien hemm fl-2009; jilqa' l-fatt li data riċenti turi żieda żgħira fiċ-ċifri tal-impjieg għall-Irlanda, Ċipru u l-Portugall;

Il-faqar u l-esklużjoni soċjali

14. Jinsab imħasseb li, fost il-kundizzjonijiet għall-assistenza finanzjarja, il-programmi jinkludu rakkomandazzjonijiet għal tnaqqis speċifiku fin-nefqa soċjali reali f'oqsmha fundamentali, bħall-pensjonijiet, is-servizzi bażiċi, il-kura tas-saħħa u, f'xi każijiet, prodotti farmaċewtiċi għall-protezzjoni bażika ta' dawk l-aktar vulnerabbli, kif ukoll fil-ħarsien tal-ambjent, minflok rakkomandazzjonijiet li jagħtu lill-gvernijiet nazzjonali flessibbiltà akbar biex jiddeċiedu fejn jistgħu jiffrankaw il-flus; jibża' li l-impatt ewlieni ta' dawn il-miżuri huwa fuq il-ġlieda kontra l-faqar, b'mod speċjali l-faqar fost it-tfal; itenni li l-ġlieda kontra l-faqar, b'mod speċjali fost it-tfal, għandha tibqa' waħda mill-għanijiet li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri u li l-politiki ta' konsolidazzjoni fiskali u baġitarja m'għandhomx imorru kontriha;
15. Jesprimi t-tħassib tiegħu li, fit-tnejn u fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' aġġustament ekonomiku, ma nġhatatx biżżejjed attenzjoni għall-impatt tal-politika ekonomika fuq l-impjieg jew l-implikazzjonijiet soċjali tagħha u li, fil-każ tal-Greċja, l-ipotesi tax-xogħol instab li kienet ibbażata fuq assunzjoni żbaljata rigward l-effett multiplikatur tal-ekonomija, li rriżulta f'nuqqas ta' azzjoni fil-ħin għall-protezzjoni tal-persuni l-aktar

vulnerabbli kontra l-faqar, il-faqar fost dawk li jaħdmu u l-esklużjoni soċjali; jitlob lill-Kummissjoni tqis l-indikaturi soċjali wkoll għall-iskop ta' negozjar mill-ġdid tal-programmi ta' aġġustament ekonomiku u sostituzzjoni tal-miżuri rakkomandati għal kull Stat Membru, bil-għan li jiġu żgurati l-kundizzjonijiet neċessarji għat-tkabbir u l-konformità sħiħa mal-prinċipji u l-valuri soċjali bażiċi tal-UE;

16. Jinnota li minkejja l-fatt li l-Kummissjoni, fir-Reviżjoni Trimestrali tagħha ta' Ottubru 2013 ("EU Employment and Social Situation") (Il-Qağħda Soċjali u tal-Impjieġ fl-UE), tenfasizza l-importanza tan-nefqa tal-protezzjoni soċjali bħala salvagwardja kontra riskji soċjali, mill-2010 'l hawn il-Greċja, l-Irlanda u l-Portugall kellhom l-akbar tnaqqis fl-infiq soċjali fl-UE;
17. Jenfasizza li qed joħorġu forom ġodda ta' faqar li jmissu l-klassijiet tan-nofs u tal-ħaddiema f'xi każijiet fejn id-diffikultajiet biex jiħallsu l-ipoteki u l-prezzijiet għolja tal-enerġija qed joħolqu faqar enerġetiku u żieda fl-iżgumbramenti u l-kanċellamenti; jinsab imħasseb bl-evidenza qed jiżdied l-għadd ta' persuni bla dar u esklużi mill-akkomodazzjoni; ifakkar li dan jirrappreżenta ksur tad-drittijiet fundamentali; jirrakkomanda li l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali tagħhom jintroduċu politiki tal-akkomodazzjoni newtrali li jiffavorixxu akkomodazzjoni soċjali u għall-but ta' kulħadd, li jindirizzaw il-kwistjoni ta' postijiet battala u li jimplimentaw politiki ta' prevenzjoni effettivi biex jitnaqqas in-numru ta' żgumbramenti;
18. Jesprimi tħassib li s-sitwazzjoni soċjali u ekonomika (mikro u makro) f'dawn il-pajjiżi qed tiggrava d-disparitajiet reġjonali u territorjali, u b'hekk tikkomprometti l-oġettiv iddikjarat tal-UE li ssaħħaħ il-koeżjoni reġjonali interna;
19. Jinnota li l-organizzazzjonijiet internazzjonali u soċjali wisew li s-sistema ġdida ta' salarji, karigi u tkeċċijiet fis-settur pubbliku se jkollha impatt fuq id-disparità bejn is-sessi; jinnota li l-ILO esprimiet tħassib dwar l-impatt sproporzjonat ta' forom flessibbli ġodda ta' impjieġ fuq il-paġi tan-nisa; jinnota, barra minn hekk, li l-ILO talbet lill-gvernijiet jissorveljaw l-impatt tal-awsterità fuq il-paġi tal-irġiel u n-nisa fis-settur privat; jinnota bi tħassib li d-differenza bejn il-paġi tal-irġiel u n-nisa m'għadhiex qed tonqos fil-pajjiżi li qed jgħaddu minn aġġustament, fejn id-disparitajiet huma akbar mill-medja tal-UE; itenni li l-inugwaljanzi fil-paġi u t-tnaqqis fir-rata ta' impjieġ fost in-nisa għandhom jingħataw aktar attenzjoni fl-Istati Membri li qed jgħaddu minn aġġustament;
20. Jinnota li è-ċifri tal-Eurostat u tal-Kummissjoni, flimkien ma' diversi studji oħra, juru li, f'xi każijiet, l-inugwaljanza fid-distribuzzjoni tal-introjt kibret bejn l-2008 u l-2012, u li t-tnaqqis fil-benefiċċji soċjali u tal-qgħad, kif ukoll it-tnaqqis fil-paġi minħabba r-riformi strutturali, qegħdin jgħollu l-livelli tal-faqar; jinnota, barra minn hekk, li r-rapport tal-Kummissjoni sab livelli relattivament għoljin ta' faqar fost dawk li jaħdmu, minħabba li l-paġi minimi baxxi tnaqqsu jew ġew iffriżati;
21. Jiddeplora l-fatt li, f'ħafna każijiet, l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali żdied; jinnota, barra minn hekk, li din l-istatistika taħbi realtà ħafna aktar ħarxa, jiġifieri li meta jonqos il-PDG per capita, jonqos ukoll il-livell limitu tal-faqar, li jfisser li persuni li sa ftit ilu kienu jitqiesu bħala foqra issa ma jitqisux bħala foqra; jirrimarka li, fil-pajjiżi li għaddejjin minn aġġustament u kriżi baġitarja, it-tnaqqis fil-PDG, it-tnaqqis qawwi fl-investment pubbliku u privat u t-tnaqqis fl-investment fir-R&Ż qed iwasslu għal

tnaqqs fil-PDG potenzjali u qed joħolqu faqar fit-tul;

22. Jilqa' l-fatt li fl-istudji msemmija aktar kmieni l-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-uniku mod biex l-UE kollha tkun tista' tilħaq il-miri ta' Ewropa 2020 huwa li jkun hemm bidla qawwija fix-xejriet attwali;
23. Jiddeplora l-fatt li, tal-inqas għall-Greċja, l-Irlanda u l-Portugall, il-programmi kienu jinkludu għadd ta' preskrizzjonijiet dettaljati dwar ir-riforma tas-sistema tas-saħħa u tnaqqis fl-infiq, li kellhom impatt fuq il-kwalità u l-aċċessibbiltà universali tas-servizzi soċjali, speċjalment fis-saħħa u l-kura soċjali, minkejja l-fatt li l-Artikolu 168(7) TFUE jistabbilixxi li l-UE għandha tirrispetta l-kompetenzi tal-Istati Membri; jinsab imħasseb dwar il-fatt li f'xi każijiet dan wassal biex għadd ta' persuni ġew imċaħħda minn kopertura ta' assigurazzjoni fuq is-saħħa jew aċċess għall-protezzjoni soċjali, u b'hekk żdied ir-riskju ta' faqar estrem u esklużjoni soċjali, kif jidher min-numru dejjem jikber ta' persuni foqra u bla dar u n-nuqqas ta' aċċess li għandhom għall-prodotti u s-servizzi bażiċi;
24. Jiddeplora l-fatt li ma sar ebda sforz immirat biex jiġu identifikati l-ineffċjenzi fis-sistemi tas-saħħa u fid-deċizzjonijiet biex isir tnaqqis ġenerali fil-baġits tas-saħħa; iwissi li l-implimentazzjoni tal-kopagamenti tista' twassal biex il-pazjenti jdumu ma jfittxu kura, u dan iqiegħed il-piż finanzjarju fuq il-familji; iwissi li tnaqqis fis-salarji għall-professjonisti tas-saħħa jista' jkollu effett negattiv fuq is-sikurezza tal-pazjenti u jikkawża l-migrazzjoni ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa;
25. Itenni li l-Artikolu 12 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (ICESCR) jipprevedi li kulħadd għandu dritt għall-ogħla standard possibbli ta' saħħa fiżika u mentali; jinnota li l-erba' pajjiżi huma lkoll firmatarji tal-Patt u b'hekk għarfu d-dritt tas-saħħa għal kulħadd;
26. Ifakkar li l-Kunsill tal-Ewropa diġà kkundanna t-tnaqqis fis-sistema pubblika tal-pensjonijiet Griega, u kkunsidrah bħala ksur tal-Artikolu 12 tal-Karta Soċjali Ewropea tal-1961 u tal-Artikolu 4 tal-Protokoll ta' magħha, filwaqt li ddikjara li 'l-fatt li d-dispożizzjonijiet ikkontestati tad-dritt domestiku jfittxu li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' obbligi legali oħrajn ma jneħħihomx mill-ambitu tal-Karta'¹; jinnota li dan il-prinċipju li s-sistema tal-pensjonijiet tinżamm f'livell sodisfaċenti biex tippermetti lill-pensjonanti jgħixu ħajja deċenti huwa ġeneralment applikabbli f'kull wieħed mill-erba' pajjiżi u kellu jitqies;
27. Jiddeplora t-tnaqqis fir-riżorsi għal ħajja indipendenti għall-persuni b' diżabilità;
28. Jirrimarka li meta l-Kumitat ta' Esperti tal-ILO evalwa l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni Nru 102 fil-każ tar-riformi Griegi, ikkritika bil-qawwa r-riformi radikali tas-sistema tal-pensjonijiet, u li din l-istess osservazzjoni kritika ġiet inkluża fid-29 rapport annwali tiegħu tal-2011; ifakkar li l-Konvenzjoni Nru 102 hija ġeneralment applikabbli f'kull wieħed mill-erba' pajjiżi u kellha titqies;

¹ Kumitat Ewropew għad-Drittijiet Soċjali, Deċiżjoni dwar il-Merti, 7 ta' Diċembru 2012, Lment Nru 78/2012, p. 10.

29. Jenfasizza li l-faqar soċjali dejjem ikbar fl-erba' pajjiżi qed jipproduċi wkoll żieda fis-solidarjetà fost l-aktar gruppi vulnerabbli, permezz ta' sforzi privati, netwerks tal-familja u organizzazzjonijiet ta' għajnuna; jenfasizza li dan it-tip ta' intervent ma għandux isir is-soluzzjoni strutturali għall-problema, anke jekk itaffi s-sitwazzjoni ta' dawk l-aktar fil-bżonn u juri l-kwalitajiet taċ-ċittadinanza Ewropea;
30. Jinnota bi tħassib iż-żieda konsistenti fil-koeffiċjent ta' Gini kontra t-tendenza 'l isfel ġenerali fiż-żona tal-euro, li jfisser li kien hemm żieda sinifikanti fl-inugwaljanzi fid-distribuzzjoni tal-għid fil-pajjiżi ta' aġġustament;

It-tluq bikri mill-iskola

31. Jilqa' l-fatt li l-għadd ta' tfal li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien qiegħed jonqos fl-erba' pajjiżi; Jinnota li dan jista' jkun parzjalment spjegat mid-diffikultajiet li ż-żgħażaġh qegħdin jiffaċċjaw biex isibu impjieg; ifakkar fil-ħtieġa urġenti li jiġu rkuprati sistemi ta' taħriġ vokazzjonali ta' kwalità, peress li dan huwa wieħed mill-aħjar modi biex tittejjeb l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh.
32. Jilqa' l-fatt li l-għadd ta' persuni b'edukazzjoni terzjarja qiegħed jiżdied f'kull wieħed mill-erba' pajjiżi; jinnota li dan jista' jkun parzjalment spjegat mill-ħtieġa li ż-żgħażaġh itejbu ċ-ċansijiet futuri tagħhom fis-suq tax-xogħol;
33. Jiddeplora l-fatt li, l-aktar minħabba t-tnaqqis fil-fondi pubbliċi, il-kwalità tas-sistemi edukattivi mhijiex issegwi din it-triq pożittiva, u dan ikabbar il-problemi ffaċċjati miż-żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ ('NEET') u mit-tfal bi bżonnijiet speċjali; jinnota li dawn il-miżuri jista' jkollhom implikazzjonijiet prattiċi għall-kwalità tal-edukazzjoni kif ukoll fuq ir-riżorsi materjali u umani disponibbli, id-daqs tal-klassijiet, il-kurrikula u l-konċentrazzjoni tal-iskejjel;

Id-djalogu soċjali

34. Jenfasizza li s-sħab soċjali fil-livell nazzjonali għandhom jiġu kkonsultati u involuti fit-tfassil inizjali tal-programmi; jiddeplora l-fatt li l-programmi mfaßla għall-erba' pajjiżi f'xi każijiet jippermettu li l-impriżi jagħżlu li joħorġu minn ftehimiet ta' negozjar kollettiv u li jirrevedu l-ftehimiet dwar il-pagi settorjali, li għandu konsegwenzi diretti għall-istruttura u l-valuri tal-arranġamenti ta' negozjar kollettiv stabbiliti fil-kostituzzjonijiet nazzjonali rispettivi; jinnota li l-Kumitat ta' Esperti tal-ILO talab li jiġi stabbilit mill-għdid id-djalogu soċjali; jikkundanna t-tkasbir tal-prinċipju tar-rappreżentazzjoni kollettiva, li jipperikola t-tiġdid awtomatiku tal-ftehimiet ta' negozjar li, f'xi pajjiżi, huwa importanti, u li minħabba fih l-għadd ta' ftehimiet kollettivi fis-seħħ naqas b'mod sostanzjali; jikkundanna t-tnaqqis fil-pagi minimi u l-iffriżar tal-pagi minimi nominali; jenfasizza li din is-sitwazzjoni hija l-konsegwenza tal-eżistenza ta' riformi strutturali limitati li jinvolvu biss id-deregolamentazzjoni tar-relazzjonijiet industrijali u t-tnaqqis fil-pagi, li jmur kontra l-oġġettivi ġenerali tal-UE u l-politiki tal-istrateġija Ewropa 2020;
35. Jirrimarka li m'hemm ebda soluzzjoni unika li tista' tiġi applikata b'mod ġenerali fl-Istati Membri kollha;

Rakkomandazzjonijiet

36. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju dettaljat tal-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, u tal-programmi ta' aġġustament imwettqa b'reazzjoni għaliha fl-erba' pajjiżi sabiex tipprovdi fehim preċiż tal-effetti fuq l-impjiegi u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali kemm fl-immedjat kif ukoll fit-tul, u fuq l-acquis soċjali Ewropew, b'attenzjoni partikolari għall-ġlieda kontra l-faqar, iż-żamma ta' djalogu soċjali tajjeb u l-bilanċ bejn il-flessibilità u s-sigurtà fir-relazzjonijiet industrijali; jistieden lill-Kummissjoni tuża l-korpi konsultattivi tagħha, kif ukoll il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, fit-tnejn ta' dan l-istudju; jissuġġerixxi li l-KESE jintalab iħejji rapport speċifiku;
37. Jistieden lill-Kummissjoni titlob lill-ILO u lill-Kunsill tal-Ewropa jħejju rapporti dwar il-possibilità ta' miżuri korrettivi u inċentivi meħtieġa biex tittejjeb is-sitwazzjoni soċjali f'dawn il-pajjiżi, il-finanzjament tagħhom u s-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi, u biex tiġi żgurata konformità sħiħa mal-Karta Soċjali Ewropea, mal-Protokoll ta' magħha u mal-Konvenzjonijiet Ewlenin tal-ILO u l-Konvenzjoni 94 tagħha, peress li l-obbligi li jirriżultaw minnhom ġew affettwati mill-kriżi ekonomika u finanzjarja u mill-miżuri ta' aġġustament baġitarju u r-riformi strutturali mitluba mit-Trojka;
38. Jistieden lill-UE, fid-dawl tas-sagrifiċċji li għamlu dawn il-pajjiżi, tagħti appoġġ, wara valutazzjoni u b'riżorsi finanzjarji suffiċjenti fejn ikun xieraq, fl-irkupru tal-istandards tal-protezzjoni soċjali, fil-ġlieda kontra l-faqar, fl-appoġġ għas-servizzi edukattivi, b'mod partikolari dawk immirati għal tfal bi bżonnijiet speċjali u persuni b'diżabilità, u fit-tiġdid tad-djalogu soċjali permezz ta' pjan ta' rkupru soċjali; jistieden lill-Kummissjoni, lill-BĊE u lill-Grupp tal-euro jeżaminaw mill-ġdid u, fejn meħtieġ u kemm jista' jkun malajr, jirrevedu l-miżuri eċċezzjonali li ttieħdu;
39. Jitlob konformità mal-obbligi legali stabbiliti fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u msemmija aktar kmieni, peress li n-nuqqas ta' konformità jikkostitwixxi ksur tal-liġi primarja tal-UE; jistieden lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tevalwa bir-reqqa l-impatt tal-miżuri fuq id-drittijiet tal-bniedem u toħroġ rakkomandazzjonijiet fil-każ ta' ksur tal-Karta;
40. Jistieden lit-Trojka u lill-Istati Membri kkonċernati jtemmu l-programmi kemm jista' jkun malajr u jimplementaw mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżi li jippermettu lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE, inkluż il-Parlament, jilhq u l-oġettiv soċjali u politiċi – anke dawk relatati mad-drittijiet individwali u kollettivi tal-persuni li huma fl-akbar riskju ta' esklużjoni soċjali – stabbiliti fit-Trattati, fil-ftehimiet mas-sħab soċjali Ewropej u f'obbligi internazzjonali oħra (il-Konvenzjonijiet tal-ILO, il-Karta Soċjali Ewropea u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem); jitlob trasparenza u responsabbiltà politika akbar fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi ta' aġġustament;
41. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jagħtu l-istess attenzjoni lill-iżbilanċi soċjali, u lill-korrezzjoni tagħhom, bħalma jagħtu lill-iżbilanċi makroekonomiċi, u jaraw li l-miżuri ta' aġġustament ifittxu li jiżguraw il-ġustizzja soċjali u jippermettu bilanċ bejn it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali u l-konsolidazzjoni tal-baġit; jistieden, barra minn hekk, liż-żewġ istituzzjonijiet biex jagħtu prijorità lill-ħolqien tal-impjiegi u l-appoġġ lill-intraprenditorija, u, għal dan il-għan, jagħtu l-istess attenzjoni lill-EPSCO u l-prijoritajiet tiegħu bħalma jagħtu lill-ECOFIN u lill-Grupp tal-euro u, meta

jkun hemm bżonn, isejħu laqgħa tal-ministri tax-xogħol u tal-affarijiet soċjali tal-Grupp tal-euro qabel is-summits tal-euro;

42. Jirrakkomanda lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iqisu l-infiq fuq is-saħħa pubblika u l-edukazzjoni mhux bħala nfiq espost għal tnaqqis iżda bħala investment pubbliku fil-futur tal-pajjiż, li għandu jiġi rispettata u miżjud sabiex jittejjeb l-irkupru ekonomiku u soċjali tiegħu;
43. Jirrakkomanda li ladarba l-aġar mument tal-kriżi finanzjarja għadda, il-pajjiżi tal-programm għandhom, flimkien mal-istituzzjonijiet tal-UE, jimplimentaw pjanijiet ta' rkupru tal-impjiegi biex jirrestawraw l-ekonomija tagħhom b'mod suffiċjenti biex jirkupraw il-qagħda soċjali tal-perjodu ta' qabel il-programm, peress li dan huwa neċessarju biex jiġi kkonsolidat l-aġġustament makroekonomiku tagħhom u jiġu ekwibrati l-iżbilanċi tas-setturi pubbliċi tagħhom, bħalma huma d-dejn u d-defiċit; jenfasizza li għandhom jiġu implimentati pjanijiet ta' rkupru tal-impjiegi li jkunu:
 - il-ħtieġa li tisewwa malajr is-sistema tal-kreditu, l-aktar għall-SMEs,
 - il-ħtieġa li jinħolqu kundizzjonijiet favorevoli għall-kumpaniji, biex ikunu jistgħu jżviluppaw l-attivitajiet tagħhom fit-tul u b'mod sostenibbli, u li jiġu promossi l-SMEs b'mod partikolari peress li huma jżvolgħu rwol ċentrali fil-ħolqien tal-impjiegi;
 - l-aħjar użu mill-opportunitajiet offruti mill-fondi strutturali tal-UE, b'mod speċjali l-FSE,
 - politika tal-impjiegi reali b'politiki attivi fis-suq tax-xogħol,
 - servizzi pubbliċi tal-impjiegi ta' kwalità u Ewropej, politika li tgħolli l-pagi,
 - garanzija Ewropea ta' xogħol għaż-żgħażaġh;
 - il-ħtieġa li jiġi żgurat impatt distributtiv ġust, u
 - programm għall-familji bla impjeg u, fl-aħħar, ġestjoni fiskali aktar attenta;
44. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar il-progress magħmul lejn il-miri ta' Ewropa 2020, b'attenzjoni speċifika għan-nuqqas ta' progress fil-pajjiżi tal-programm, u tressaq proposti biex dawn il-pajjiżi jitpoġġew fuq triq kredibbli lejn il-miri kollha ta' Ewropa 2020;
45. Jirrakkomanda li r-riformi futuri tal-Istati Membri fil-qasam tax-xogħol iqisu l-kriterji tal-flessigurtà biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-kumpaniji mogħtija fl-Istrateġija Ewropa 2020, filwaqt li jkunu elementi oħra bħall-ispejjeż tal-enerġija, il-kompetizzjoni ingutsa, id-dumping soċjali, sistema finanzjarja ġusta u effiċjenti, politiki fiskali favur it-tkabbir u l-impjiegi, u, b'mod ġenerali, dak kollu li jgħin lill-ekonomija reali u l-intraprenditorija jżviluppaw; jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjonijiet tal-impatt soċjali qabel ma timponi riformi kbar fil-pajjiżi tal-programm, u tikkunsidra l-effetti sekondarji ta' dawn il-miżuri, bħall-effett fuq il-faqar, l-esklużjoni soċjali, ir-rati ta' kriminalità u l-ksenofobija;
46. Jitlob miżuri urġenti għall-prevenzjoni taż-żieda ta' persuni bla dar fil-pajjiżi tal-programm, u jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja dan permezz ta' analiżi tal-politika u l-promozzjoni ta' Prattiki tajbin;

47. Jinnota li skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament qabel l-1 ta' Jannar 2014 dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta dan ir-rapport mingħajr dewmien u tinkludi l-implikazzjonijiet ta' dan ir-regolament għall-programmi ta' aġġustament ekonomiku attwali;
48. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkonsultaw mas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti u korpi professjonali dwar miżuri futuri relatati mas-saħħa fil-programmi ta' aġġustament, u jagħmlu użu mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, sabiex jiġi żgurat li r-riformi jżidu l-effiċjenza tas-sistemi u r-riżorsi mingħajr ma jipperikolaw l-aktar gruppi vulnerabbli u l-protezzjoni soċjali l-aktar importanti, inklużi l-akkwist u l-użu tal-mediċini, l-aktar ħtiġijiet bażiċi u l-kunsiderazzjoni tal-persunal tas-saħħa;
49. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

I. Introduzzjoni

Fil-21 ta' Novembru 2013 il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) ġie awtorizzat iħejji Rapport ta' Inkjesta dwar ir-rwol u l-operazzjonijiet tat-Trojka (Bank Ċentrali Ewropew, Kummissjoni Ewropea u FMI) fl-erba' pajjiżi sottomessi għal Programmi ta' Aġġustament Ekonomiku: il-Greċja, l-Irlanda, il-Portugall u Ċipru. Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) irreaġixxa minnufih billi talab li jagħti Opinjoni lill-Kumitat ECON b'kompetenza esklużiva (l-Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew) dwar il-konsegwenzi soċjali u fuq l-impjieg ta' dawn il-programmi.

Fid-dawl tad-diffikultajiet biex jintlaħaq ftehim dwar din il-kwistjoni mal-Kumitat responsabbli, il-Kumitat EMPL talab l-awtorizzazzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti biex iħejji rapport ta' inkjesta tiegħu. Fl-24 ta' Jannar 2014 din tal-aħħar awtorizzat lill-Kumitat EMPL biex iħejji rapport ta' inizjattiva proprja skont l-Artikolu 48 dwar l-istess suġġett, li kellu jiġi ttrattat b'mod parallel mar-rapport tal-Kumitat ECON. Għaldaqstant, ir-rapport tagħna jrid jillimita l-inkjesta tiegħu għal dawk il-pajjiżi li ġarrbu intervent totali (il-Greċja, l-Irlanda, il-Portugall u Ċipru), jeżamina biss kwistjonijiet soċjali u tal-impjieg, u jħalli l-affarijiet makroekonomiċi u soċjali lill-Kumitat ECON u jsegwi l-kalendarju stabbilit mill-ECON biex ir-rapporti jkunu ttrattati flimkien fil-plenarja.

Kienu tnejn l-oġġettivi ewlenin tar-rapporteur: li jillimita ruħu strettament għall-qagħda ekonomika u soċjali f'dawn il-pajjiżi, qabel u wara l-programmi ta' aġġustament, u li jqis il-problemi u s-soluzzjonijiet b'mod trażversali mingħajr ma jidħol f'dibattiti nazzjonali.

Id-data użata fir-rapport ġejja essenzjalment mis-sorsi li ġejjin:

- Żewġ rapporti magħmula mil-Librerija tal-Parlament Ewropew dwar:
 - “Social dimension of austerity measures: Cases of four EU countries in receipt of financial assistance” (Id-dimensjoni soċjali tal-miżuri ta' awsterità: Il-każijiet ta' erba' pajjiżi tal-UE li qed jirċievu assistenza finanzjarja)
 - “Austerity, labour market and international treaties: Cases of four EU countries in receipt of financial assistance” (L-awsterità, is-suq tax-xogħol u t-Trattati internazzjonali: Il-każijiet ta' erba' pajjiżi tal-UE li qed jirċievu assistenza finanzjarja)
- Erba' studji nazzjonali:

- “An evaluation of the social and employment aspects and challenges in Greece” (Evalwazzjoni tal-aspetti soċjali u tal-impjieg fil-Greċja) ta’ Dimitris Karantinos miċ-Ċentru Nazzjonali ta’ Riċerka Soċjali (EKKE)
 - “An evaluation of the social and employment aspects and challenges in Ireland” (Evalwazzjoni tal-aspetti u l-isfidi soċjali u tal-impjieg fl-Irlanda) ta’ Maarten Gerard u Jean-François Romanville minn IDEA Consult
 - “An evaluation of the social and employment aspects and challenges in Portugal” (Evalwazzjoni tal-aspetti u l-isfidi soċjali u tal-impjieg fil-Portugall) ta’ Ana Cláudia Valente u Paulo Marques mill-Università ta’ Lisbona.
 - “An evaluation of the social and employment aspects and challenges in Cyprus” (Evalwazzjoni tal-aspetti u l-isfidi soċjali u tal-impjieg f’Ċipru) tal-Professur Panos Pashardes
- Smiġh pubbliku fil-Kumitat għall-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali tad-9 ta’ Jannar 2014 dwar l-aspetti soċjali u tal-impjieg tar-rwol u l-operazzjonijiet tat-Trojka fir-rigward tal-pajjiżi tal-programm taż-żona tal-euro, bil-parteċipazzjoni ta’:
 - José Silva Peneda, President tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tal-Portugall
 - Raymond Torres, Direttur tal-Istitut għall-Istudji dwar ix-Xogħol tal-ILO
 - Petros Stangos, Viċi President tal-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tal-Kunsill tal-Ewropa
 - Thorsten Schulten, Kap tal-Unità għall-politika tax-xogħol u l-pagi fl-Istitut ta’ Riċerka Ekonomika u Soċjali Ġermaniż.
 - Smiġh pubbliku konġunt mal-Kumitat ECON tas-27 ta’ Jannar 2014 mas-sħab soċjali dwar ir-rwol u l-operazzjonijiet tat-Trojka fil-pajjiżi tal-programm taż-żona tal-euro, bil-parteċipazzjoni ta’:
 - James Watson, Ekonomista Ewlieni ta’ Business Europe
 - Veronica Nilsson, Segretarju Konfederali tal-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions.
 - Informazzjoni mogħtija bil-posta, permezz tal-email u fi ħdan grupp ta’ diskussjoni miftuħ fuq LinkedIn, li fih it-trade unions, l-NGOs u l-pubbliku ġenerali ħadu sehem f’dibattitu miftuħ.

II. L-objettivi

Ir-rapport fih tliet taqsimiet defniti b’mod ċar: analiżi jew dijanjosi tas-sitwazzjoni, il-kunsiderazzjoni tal-obbligi legali miksur, u serje ta’ rakkomandazzjonijiet għall-futur.

L-analiżi hija bbażata fuq il-progress jew ir-rigress fil-kisba tal-objettivi tal-Istrateġija UE2020 proposta mill-Kummissjoni Ewropea fit-3 ta’ Marzu 2010 u adottata formalment mill-Kunsill fis-17 ta’ Ġunju 2010. Dawn l-objettivi, fil-qasam soċjali u tal-impjieg, huma tlieta:

- li 75 % tal-persuni fl-età ta’ bejn 20 u 64 sena jkunu fl-impjieg
- li l-għadd ta’ nies li jinsabu f’riskju ta’ faqar u ta’ esklużjoni soċjali jitnaqqas b’20 miljun;

- li, fil-qasam edukattiv, titnaqqas b'tal-inqas 10 % ir-rata ta' tluq bikri mill-iskola u li tal-inqas 40% tal-persuni fl-età ta' bejn 30 u 34 sena jkunu lestew l-edukazzjoni terzjarja.

It-tieni kapitolu tal-analiżi jħares lejn il-mod kif il-programmi affettwaw l-impenji u l-obbligi meħuda mill-UE u l-Istati Membri fir-rigward ta' organi internazzjonali u, b'mod partikolari, fir-rigward tal-Karta Soċjali Ewropea tal-1961 tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Konvenzjonijiet Internazzjonali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO).

Fl-aħħar nett, fit-tielet kapitolu jittieħdu lezzjonijiet għall-futur, abbażi tal-iżbalji mwettqa fil-passat, u jintalab l-istabbiliment ta' mekkaniżmi li jippermettu lill-UE tiffaċċja dan it-tip ta' problemi b'mod aktar mgħaġġel, effiċjenti u Ewropew.

III. Dijanjosi

Il-kriżi ekonomika u finanzjarja kellha impatt profond fuq il-bilanċi fiskali u s-sitwazzjoni tad-dejn pubbliku u privat f'xi Stati Membri tal-UE u wasslet għal talbiet ta' assistenza mill-Greċja (f'Mejju 2010 u Marzu 2012), l-Irlanda (minn Diċembru 2010 sa Diċembru 2013), il-Portugall (Mejju 2011) u Ċipru (Ġunju 2013).

Il-programmi ta' aġġustament ekonomiku huma akkumpanjati minn kundizzjonijiet li kellhom impatt dirett jew indirett fuq il-livelli tal-impjieg u fil-qasam soċjali. Il-metodu applikat involva tnaqqis drastiku fin-nefqa soċjali u d-devalwazzjoni interna permezz ta' tnaqqis u ffriżar tal-pagi, deċentralizzazzjoni tan-negozjar kollettiv u flessibilità akbar fis-swieg tax-xogħol.

L-aspettattivi mħabbra minn qabel kienu li t-tnaqqis tad-defiċit kellu jstimula l-investment kummerċjali, itejjeb il-kompetittività u l-produttività u jgħib fi tmiemu d-duwaliżmu tas-suq tax-xogħol. It-twemmin kien li l-impjeggi kienu se jbatu fl-immedjat, iżda li dan kien se jitpatta fiż-żmien medju u fit-tul.

Madankollu, id-data disponibbli turi li fil-livell makroekonomiku d-defiċit huwa taħt kontroll iżda d-dejn żdied b'mod esponenzjali u l-aġġustamenti fiskali mistennija ma seħħewx minħabba t-tnaqqis qawwi fid-dħul mit-taxxa minħabba li ċkienet l-ekonomija, l-attività u d-domanda.

Fil-livell tal-impjeggi, dawn naqsu u l-kundizzjonijiet tagħhom ħżienu: xogħol prekarju, impjeggi part-time, tnaqqis fil-pagi. Fix-xhur li għaddew kien hemm titjib żgħir fl-istatistika dwar il-qgħad, li tista' tkun spjegata mill-migrazzjoni involontarja, mill-irtirar sfurzati u mill-għadd ta' persuni li waqfu jfittxu x-xogħol b'mod attiv. Hu x'inhu, it-titjib kien żgħir meta mqabbel mal-għadd ta' impjeggi li ntilfu.

Fil-livell soċjali, żdiedu l-faqar u r-riskju ta' esklużjoni soċjali. Il-faqar fost dawk li jaħdmu, il-kunflitt ġuridiku u politiku bejn il-miżuri u l-obbligi internazzjonali tal-Istati Membri mal-ILO u l-Kunsill tal-Ewropa, il-patt soċjali u l-mudell tal-“welfare state” ukoll qegħdin f'riskju serju.

Analiżi aktar dettaljata tad-data (ara l-Anness 1) turi dan li ġej:

a) L-impjiegi

Il-programmi ta' aġġustament u l-kriżi ekonomika wasslu għal żieda fil-livelli tal-qgħad u t-telf ta' impjiegi. Din is-sitwazzjoni, flimkien mat-tnaqqis fis-settur pubbliku u f'dak privat, u n-nuqqas ta' azzjoni effettiva kontra l-evażjoni tat-taxxa qiegħda tagħmel il-ħsara lis-sostenibbiltà u l-kopertura tas-sistemi pubbliċi ta' protezzjoni soċjali minħabba t-tnaqqis f'daqqa fil-fondi tas-sigurtà soċjali.

Wieheġ josserva wkoll li fl-erba' pajjiżi l-gruppi l-aktar vulnerabbli fis-suq tax-xogħol huma dawk li qed ibatu l-aktar: iż-żgħażaġh, dawk qiegħda fit-tul, in-nisa, l-immigranti u l-persuni b'diżabilità. Fuq tul ta' żmien, dawn id-diverġenzi soċjali se jgħolqu ħsara strutturali fis-swieq tax-xogħol nazzjonali, b'mod partikolari fil-każ taż-żgħażaġh, u jwasslu għal migrazzjoni involontarja, deterjorament tad-drittijiet soċjali u tax-xogħol, żieda fl-hekk imsejjaħ "eżodu ta' mħuħ" u l-ħolqien ta' duwaliżmu fis-swieq tax-xogħol Ewropej, b'pajjiżi li jissupplixxu l-impjiegi u oħrajn li jissupplixxu ħaddiema li jitħallsu ftit.

Fl-aħħar nett, hemm tħassib ukoll dwar it-tnaqqis fil-kwalità tal-impjiegi, hekk kif ix-xogħol prekarju qed jiżdid u l-istandards soċjali bażiċi se jrin lura, u dan wassal għal żieda fil-kuntratti part-time u temporanji involontarji, fl-impjieg indipendenti fittizju, kif ukoll fl-attivitajiet tal-ekonomija moħbija.

Ir-rapport jirrimarka wkoll li d-deterjorament tal-kundizzjonijiet għall-SMEs u l-fatt li dawn qed jintilfu huma fost il-kawżi ewlenin tat-telf ta' impjiegi u fost l-akbar theddidiet għall-irkupru ekonomiku. Ir-rapport jenfasizza wkoll iż-żieda fid-differenza li teżisti bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa.

b) Il-faqar u l-esklużjoni soċjali

Fost il-kundizzjonijiet biex tintalab l-assistenza finanzjarja, il-programmi kien fihom rakkomandazzjonijiet għal tnaqqis speċifiku fin-nefqa soċjali reali f'oqsma bħall-pensjonijiet, is-servizzi soċjali bażiċi, il-kura tas-saħħa u, f'xi każijiet, il-prodotti farmaċewtiċi u għall-protezzjoni bażika ta' dawk l-aktar vulnerabbli, b'mod speċjali l-faqar fost it-tfal, minflok ma taw aktar flessibbiltà lill-gvernijiet nazzjonali biex jiddeċiedu huma fejn jistgħu jiffrankaw il-flus.

Dan is-sett ta' restrizzjonijiet wasslu għal forom ġodda ta' faqar li jaffettwaw direttament il-klassijiet baxxi u medji bħall-faqar fost dawk li jaħdmu u l-faqar enerġetiku. It-tnaqqis drastiku fl-investment pubbliku u privat u n-nuqqas ta' appoġġ għar-R&Ż qiegħdin jiġġeneraw ukoll problemi strutturali li jżidu l-faqar fit-tul.

Ir-rapport jesprimi tħassib ukoll dwar:

- It-tnaqqis fl-aċċess għas-saħħa u l-mediċini, bi ksur tal-Artikolu 168(7) TFUE, permezz taż-żieda fil-kopagamenti u fil-prezzijiet tal-mediċini, u t-tnaqqis fis-salarji u fil-persunal fiċ-ċentri tas-saħħa.
- Id-diffikultajiet akbar fl-aċċess għall-akkomodazzjoni jew biex jitħallsu l-ipoteki u ż-żieda fl-għadd ta' persuni bla dar.

- It-tnaqqis fl-iskemi tal-pensjonijiet, inklużi l-pensjonijiet minimi, li f'xi każijiet ġew ikkritikati mill-ILO u l-Kunsill tal-Ewropa.

c) L-edukazzjoni u l-falliment skolastiku

F'dan il-punt, ir-rapport jilqa' t-tnaqqis fir-rata ta' tluq bikri mill-iskola u fl-għadd ta' persuni b'edukazzjoni terzjarja, għalkemm iż-żewġ kwistjonijiet jistgħu jkunu spjegati mid-diffikultà li għandhom iż-żgħażaġh biex isibu impjeg.

Huwa osservat ukoll li dan it-titjib fiċ-ċifri ma kienx akkumpanjat minn titjib fil-kwalità tas-servizzi edukattivi iżda, għall-kuntrarju, dawn intlaqtu wkoll mit-tnaqqis.

d) Id-djalogu soċjali

Id-djalogu soċjali aktarx huwa l-ewwel vittma tal-Programmi. Għalhekk, ir-rapport jenfasizza li s-sħab soċjali fil-livell nazzjonali ma ġewx ikkonsultati u involuti fil-proċess tat-tfassil tal-programmi u, barra minn hekk, l-awtonomija tagħhom iddgħajfet billi tpoġġa fid-dubju t-tiġdid awtomatiku tal-ftehimiet kollettivi, bir-reviżjoni tal-ftehimiet settorjali u bl-iffriżar jew it-tnaqqis tal-pagi minimi maqbulin fil-ftehimiet kollettivi.

Huwa nnutat ukoll li din is-sitwazzjoni hija konsegwenza tat-twemmin li huwa biss permess tad-deregolamentazzjoni u l-flessibilità li tista' tinkiseb aktar kompetittività, filwaqt li jintesa l-lat tas-sigurtà tal-kunċett ta' flessigurtà.

e) L-obbligi legali tal-UE fil-livell domestiku u f'dak internazzjonali

Ir-rapport ifakkar li ma ġewx rispettati l-obbligi tal-UE fir-rigward tal-impjegji u l-affarijiet soċjali, kemm fil-livell Komunitarju kif ukoll fl-obbligi internazzjonali ffirmati mill-Istati Membri. B'mod partikolari jfakkar li l-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE jistabbilixxi li *"fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tiegħu kont tal-ħtiġijiet marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjeg, mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, mal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali kif ukoll ma' livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem"*. Anke l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE tinkludi, b'mod partikolari fit-Titolu IV tagħha dwar "is-solidarjetà", id-drittijiet soċjali li jikkonformaw mal-acquis communautaire, bħalma huma d-drittijiet għan-negozjar kollettiv, għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ugwali u għall-protezzjoni fil-każ ta' tkeċċija inġusta.

Barra minn hekk, it-Trojka injorat kompletament l-Artikolu 151 TFUE li jistabbilixxi li l-azzjonijiet meħuda mill-Unjoni u mill-Istati Membri għandhom ikunu konsistenti mad-drittijiet soċjali fundamentali stabbiliti fil-Karta Soċjali Ewropea tal-1961 (iffirmata mill-erba' pajjiżi soġġetti għall-programm ta' aġġustament ekonomiku) u mal-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema tal-1989 kif ukoll xi wħud mill-Konvenzjonijiet bażiċi tal-ILO, iffirmati mill-Istati Membri kollha.

Ir-rapport jiddeplora l-fatt li l-kondizzjonalità imposti bi tpattija għall-ġhajjnuna finanzjarja qiegħda thedded l-oġġettivi soċjali tal-UE għaliex:

- Il-programmi għandhom terminu speċifiku iżda fihom miżuri u tnaqqis li għandhom effetti fit-tul.
- Il-miżuri kienu partikolarment ibsin għall-ftit żmien li l-pajjiżi ngħataw biex jimplimentawhom. Barra minn hekk dawn saru mingħajr ma twettqet valutazzjoni tal-impatt xierqa dwar l-effetti distributtivi tagħhom fuq il-gruppi differenti tas-soċjetà.
- Minkejja l-appelli tal-Kummissjoni, il-fondi disponibbli tal-UE ma ntużawx fil-pront.
- Il-miżuri ma ġewx akkumpanjati minn miżuri ta' protezzjoni għal dawk l-aktar vulnerabbli biex setgħet tittaffa ż-żieda fil-livelli tal-faqar u ta' esklużjoni soċjali.

Ir-rapport isostni li l-programmi ta' aġġustament ekonomiku tfasslu mingħajr ma ġiet evalwata l-ħtieġa ta' protezzjoni soċjali xierqa u mingħajr konsultazzjoni mal-korpi eżistenti tal-UE responsabbli għall-kwistjonijiet soċjali u tal-impjiegi bħall-Kumitat għall-Impjiegi, il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, l-EPSCO u l-Kummissarju għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali.

Ir-rapport jenfasizza wkoll li l-Parlament Ewropew tħalla barra fil-fażijiet kollha tal-programmi, li l-BĊE ħa deċiżjonijiet li jmorru lil hinn mill-mandat tiegħu u li l-Kummissjoni Ewropea għandha taġixxi dejjem, anke fi żminijiet ta' diffikultà ekonomika, bħala Gwardjan tat-Trattati – il-koll kwistjonijiet li ġew injorati u li issa qed inħallsu qares għalihom fil-forma ta' kriżi soċjali u telf ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet Ewropej.

IV. Rakkomandazzjonijiet

L-għan aħħari tar-rapport huwa li jagħlaq b'sett ta' rakkomandazzjonijiet biex tisewwa l-emerġenza soċjali li dawn il-pajjiżi qed iġarrbu fil-preżent, biex jiġi evitat li fil-futur jiġu ripetuti l-iżbalji li saru u biex jiġu evitati diżastri soċjali ġodda fi kriżijiet u programmi ta' assistenza finanzjarja fil-futur.

Fost l-14-il rakkomandazzjoni, tajjeb jiġi enfasizzat li:

1.- It-Trojka u l-Istati Membri huma mistiedna **jtemmu l-programmi kemm jista' jkun malajr** u joħolqu mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżi li jtejbu t-trasparenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet u jippermettu lill-istituzzjonijiet tal-UE, inkluż il-Parlament, jilhq u l-objettivi soċjali u politiċi stabbiliti fit-Trattati u fil-Karta Soċjali Ewropea u fil-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO u jfakkar li n-nuqqas ta' konformità jikkostitwixxi ksur tal-liġi primarja tal-UE li għandu jissewwa biex jiġu ristabiliti għalkollox id-drittijiet individwali u kollettivi.

2.- **Il-Kummissjoni**, bl-appoġġ tal-ILO u l-Kunsill tal-Ewropa, **hija mistiedna twettaq studju dettaljat tal-konsegwenzi soċjali u fuq l-impjiegi** tal-Programmi, fl-immedjat kif ukoll fit-tul, u fuq l-acquis soċjali Ewropew, bil-possibbiltà ta' miżuri korrettivi u inċentivi biex tittejjeb il-qagħda soċjali u tal-impjiegi f'dawn il-pajjiżi.

3.- Huwa rakkomandat li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jqisu **l-infiq fuq is-saħħa pubblika u l-edukazzjoni bħala investment fil-futur** u mhux bħala nfiq soġġett għal tnaqqis u li jagħtu l-istess importanza lill-kwistjonijiet soċjali bħalma jagħtu lill-kwistjonijiet ekonomiċi. Huwa mitlub li tisesejjah laqgħa tal-Grupp tal-euro, meta jkun meħtieġ, iddedikata għall-kwistjonijiet soċjali u tal-impjiegi.

4.- Huwa rakkomandat li fir-riformi futuri fil-qasam tax-xogħol l-Istati Membri jqisu **l-prinċipju tal-flessigurtà** u l-promozzjoni tal-kompetittività tal-kumpaniji **u ma jinsewx riformi oħra** meħtieġa bħal dawk relatati mal-ispejjeż tal-enerġija, id-dumping soċjali, il-kompetizzjoni inġusta, sistemi finanzjarji ġusti u effiċjenti u politiki fiskali favur it-tkabbir u l-impjiegi.

5.- Fl-aħħar nett, u peress li mingħajr il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità huwa impossibbli li l-problemi ekonomiċi, soċjali u politiċi eżistenti jiġu solvuti, huwa mitlub **pjan ta' rkupru soċjali u tal-impjiegi** li jindirizza b'mod xieraq:

- a) Il-ħtieġa li l-kreditu jiġi ristabilit kemm jista' jkun malajr, b'mod speċjali għall-SMEs
- b) Il-ħtieġa li jinħolqu l-kundizzjonijiet favorevoli sabiex l-impriżi jkunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom b'mod sostenibbli fit-tul u joħolqu l-impjiegi.
- c) L-aħjar użu tal-fondi Ewropej, b'mod speċjali dawk tal-FSE
- d) L-iżvilupp ta' politiki attivi tax-xogħol
- e) It-titjib tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u tal-kwalità tagħhom
- f) L-iżvilupp ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ suffiċjenti u Ewropea tassew
- g) Il-ħtieġa li jiġi żgurat impatt ġust tal-miżuri kollha u fost il-gruppi soċjali kollha
- h) It-twettiq ta' programmi speċifiċi għall-familji mingħajr impjieg
- i) Miżuri speċifiċi għal dawk qiegħda fit-tul, b'mod speċjali n-nisa u l-anzjani peress li dawn għandhom diffikultajiet akbar biex jidħlu lura fis-suq tax-xogħol.

ANNEX 1

Indikaturi soċjali tal-istrateġija UE2020	Il-Greċja				Il-Portugall				L-Irlanda				Ċipru				L-UE 27			
	2007	2009	2012	2013 ¹	2007	2009	2012	2013	2007	2009	2012	2013	2007	2009	2012	2013	2007	2009	2012	2013 ²
Rata ta' impjieg (20-64 sena) f' % tal-popolazzjoni	65.7	65.8	55.3	53.5	72.6	71.2	66.5	65.3	73.8	66.9	63.7	65.3	76.8	75.3	70.2	67.3	70.0	69.2	68.7	68.5
Nisa	58	52.7	45.2	43.6	66.3	66.1	63.1	62.2	64.4	61.8	59.4	60.3	67.7	68.3	64.8	62.1	62.1	62.5	62.6	62.7
Rġiel	80.4	78.8	65.3	63.3	79.1	76.5	69.9	68.5	83.0	72.1	68.1	70.4	86.4	82.8	76.1	72.9	77.9	76.0	74.8	74.4
Żghażaġh³	24	22.9	13.1	11.6	34.9	31.3	23.6	21.7	50.4	36.9	28.2	28.8	37.4	34.8	28.1	21.2	36.9	34.9	32.8	32.3
Persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (f'eluf)	3064	3007	3795	-	2653	2648	2665	-	1005	1150	1319	-	195	188	234	-	119397	114353	123118(Stim a)	-
Persuni li jieqfu mill-iskola u mit-taħriġ qabel iż-żmien f' % tal-popolazzjoni	14.6	14.5	11.4	-	36.9	31.2	20.8	-	11.6	11.7	9.7	-	12.5	11.7	11.4	-	15.0	14.3	12.8	-
Persuni li għandhom edukazzjoni terzjarja (% tal-popolazzjoni ta' 30-34 sena)	26.2	26.5	30.9	-	19.8	21.1	27.2	-	43.3	48.9	51.1	-	46.2	45.0	49.9	-	30.0	32.2	35.8	-

¹ Data mit-tieni trimestru tal-2013

² Data mit-tieni trimestru tal-2013

³ Grupp ta' età: 15-24 sena

Indikaturi oħra	Il-Greċja				Il-Portugall				L-Irlanda				Ċipru				L-UE 27			
	2007	2009	2012	2013	2007	2009	2012	2013	2007	2009	2012	2013	2007	2009	2012	2013	2007	2009	2012	2013
Rata tal-qgħad f' % tal- popolazzjoni	8.3	9.5	24.3	27.3	8.9	10.6	15.9	15.7	4.7	12.0	14.7	12.6	3.9	5.4	11.9	17.0	7.1	8.9	10.4	10.9

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	13.2.2014
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 27 -: 7 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Regina Bastos, Heinz K. Becker, Phil Bennion, Pervenche Berès, Philippe Boulland, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Derek Roland Clark, Minodora Cliveti, Karima Delli, Sari Essayah, Richard Falbr, Marian Harkin, Nadja Hirsch, Stephen Hughes, Danuta Jazłowiecka, Jean Lambert, Patrick Le Hyaric, Verónica Lope Fontagné, Thomas Mann, Csaba Óry, Sylvana Rapti, Elisabeth Schroedter, Nicole Sinclaire, Gabriele Stauner, Jutta Steinruck
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Claudette Abela Baldacchino, Georges Bach, Philippe De Backer, Edite Estrela, Sergio Gutiérrez Prieto, Anthea McIntyre, Gabriele Zimmer
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Enrique Guerrero Salom, Timothy Kirkhope, Corien Wortmann-Kool